# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa numru 2**

**23 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Jonathan Cefai - Kunsillier
Carmel Farruġia – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**02.1 Talba;**

02.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu.

**02.2 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji;**

02.2.1 Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għax il-membri kollha kienu preżenti, il-laqgħa tkompliet skont l-aġenda.

**02.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

02.3.1 Inqraw il-minuti tal-ewwel (1) laqgħa mis-Sindku s-Sur Saviour Borg u ġew approvati unanimament. Dawn il-minuti kienu ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo u eventwalment ippreżentati waqt il-laqgħa mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Ryan Debrincat.

**02.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.4.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-membri tal-Kunsill li mill-bidu tax-xahar ta' Lulju 2019 bdiet topera l-iskema GreenPak biex tiġbor l-iskart riċiklat ta' nhar ta' Tlieta kif ukoll tiġbor il-ġabra tal-ħġieġ fl-ewwel Ħamis ta' kull xahar. Din l-iskema ġiet imqabda mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi minħabba li fiż-żewġ sejħiet li ppubblika l-Kunsill ma kienx hemm interess min-naħa tal-iskemi.

02.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg ta merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid is-Sur Ryan Debrincat u flimkien mal-Kunsilliera awgurawlu għall-ħidma fejjieda b'risq il-lokalita'.

02.4.3 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-Kunsill li hemm il-bżonn li jerġa' jiġi attivat l-ktieb tal-VAT u qal li dan għandu jsir f'isem il-Kunsill Lokali u mhux f'isem is-Segretarju Eżekuttiv personalment jew f'isem xi individwu ieħor. Hu qal hekk, biex ma jerġax jiġri l-istess fejn l-eks Segretarju Eżekuttiv waqfet dan il-ktieb ħames xhur qabel telqet mingħajr il-permess tal-Kunsill minħabba li kien fuq isimha personalment. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jiċċekja dwar dan u l-proċedura li hemm bżonn issir mad-Dipartiment tal-VAT.

Kunsill Lokali Il-Fontana

02.4.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri tal-Kunsill li jridu jiġu ordnati żewġ stemmi tad-deheb bl-arma tal-Kunsill għall-membri l-ġodda. Kien hemm qbil dwar dan.

02.4.5 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri tal-Kunsill li l-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja għandu bżonn jinħasel bil-*bowser* biex ikun nadif. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.4.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja mill-iskema 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni'. L-applikazzjoni saret biex jintuża' l-ilma tal-ġiebja li tinsab taħt is-Sala tal-Komunita' u jissaqqa l-*playingfield* ta' ħdejn il-Knisja.

02.4.7 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri tal-Kunsill li hemm bżonn li jsir xi xogħol ta' qtugħ tal-pjanta taż-żejt ir-riġnu li tinsab fil-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill biex dan ix-xogħol isir minn Fredu Attard taż-Żebbuġ li għandu l-għarfien f'dan il-qasam.

02.4.8 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg issuġġerixxa sabiex issir ħarġa kulturali f'Malta għall-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar din il-ħarġa li ssir nhar it-Tnejn 5 t'Awwissu 2019 għall-prezz ta' €3 għar-residenti tal-Fontana u €8 għal min mhux resident tal-Fontana.

02.4.9 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri tal-Kunsill li s-sena l-oħra fl-aħħar jiem tas-sena, il-Kunsill kien xtara u nstalla sebgħa bins wara li kien rebaħ kompetizzjoni ta' €3,000 minn WasteServ Malta Ltd. L-ispiża min-naħa tal-Kunsill kienet saret iżda l-flus qatt ma ngħataw lill-Kunsill. Is-Sindku talab sabiex tintbagħat ittra lil WasteServ Malta Ltd biex tingħata raġuni għal dan.

02.4.10 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri bil-ġita annwali li l-Kunsill jorganizza fi Sqallija. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil bejn il-membri li din issir nhar l-14 u l-15 ta' Settembru 2019 u ser jiġi mqabbad is-Sur Mario Spiteri tal-kumpanija 'Go Sicily'.

**02.5 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi Skala 15;**

02.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li wara li kien irreżenja l-iskrivan tal-Kunsill f'Ġunju 2019, hemm bżonn li l-Kunsill jimpjega skrivan. Huwa ppropona li dan jiġi mpjegat fuq bażi *part-time (flexi hours)*. Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie deċiż li l-ewwel issir talba għal skrivan fuq bażi *full-time* mill-iskema tal-CWSEF. Dan wara li l-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai stqarr li bħalissa hemm madwar 35 persuna bl-iskema qed jagħmlu l-kors ta' skrivan iżda diġa jokkupaw pożizzjoni ma' xi entita', filwaqt li ser ikun hemm 33 oħra għall-kors ieħor wara. Il-membri tal-Kunsill qalu li jekk ma jkunx possibli jiġi ngaġġat skrivan mill-iskema CWSEF, il-Kunsill għandu jmexxi bil-proċess ta' ingaġġ għal skrivan *part-time (flexi hours)* hekk kif propona s-Sindku.

Kunsill Lokali Il-Fontana

**02.6 Ħruġ u Evalwazzjoni ta' Offerti.**

02.6.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li l-offerta għat-tqegħid tal-pavimentar bil-profido wara l-Knisja kienet ġiet ippubblika u li meta għalqet u eventwalment evalwata ukoll, l-uniku offerent, il-Kumpanija *Idea Plan Limited* ma' kinitx ġiet aċċettata minħabba li l-offerta mixħuta ma kinitx teknikament konformi ma' dak mitlub fl-offerta, bil-konsegwenza li l-Kunsill kien qabel ukoll li wara li jingħalaq iż-żmien tal-appell din l-offerta għandha terġa' tiġi ippubblikata, il-Kunsill kien reġa' ippubblika din is-sejħa għal darb'oħra fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2019 u li sad-data tal-għeluq li kienet nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2019, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda offerta.
Wara li il-Kunsill kien qabel li din l-offerta terġa' tiġi ppubblikata mill-ġdid fil-laqgħa numru 49 ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2019, is-Sindku għarraf lill-membri li din l-offerta ser terġa' tkun pubblika minn nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2019.

02.6.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-Kunsilliera li l-offerta tal-ġbir tal-iskart għalqet u sad-data tal-għeluq il-Kunsill irċieva żewġ offerti. Il-bord tal-evalwazzjoni mistenni jiltaqa' fil-jiem li ġejjin biex jevalwa l-offerti iżda hemm indikazzjoni li ż-żewġ offerti ser jaqbżu l-*budget* allokat għal dan is-servizz b'ammont sostanzjali li l-Kunsill ma jiflaħx għalih finanzjarjament. Is-Sindku qal li din il-problema qed tolqot diversi Kunsilli Lokali u se jqajjem dan il-punt biex jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

02.6.3 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-Kunsilliera li wara qbil fl-aħħar laqgħa biex tinġabar stima mill-Perit dwar il-bdil tas-servizzi tad-drenaġġ mill-mejn sad-djar fuq rakkommandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll tal-Korporazzjoni tal-Ilma, minħabba li huma antiki u jista' jsirilhom ħsarat waqt ix-xogħol, il-Kunsill irċieva l-istima mill-Perit u tammonta għal €56,868.40. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg qal li din l-ispiża ma jiflaħx għaliha l-Kunsill u għalhekk għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiffinanzja din l-ispiża minħabba li dan hu proġett tal-Ministeru għal Għawdex u hija triq li taqa' taħt ir-responsabilta' tagħhom. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg fakkar lill-Kunsilliera li l-Kunsill diġa' ser ikollu joħroġ l-ispejjeż tal-VAT li ser jammontaw għal madwar €25,000, minħabba li l-Ministeru għal Għawdex ma kienx laqa' t-talba tal-Kunsill għal dawn il-fondi, filwaqt li l-Korporazzjoni tal-Ilma ser tiffinanzja l-bdil tal-mejn prinċipali tad-drenaġġ. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg qal li din il-problema tal-bdil tas-servizzi tad-drenaġġ tfaċċat wara li ngħalaq il-proċess kollu tas-sejħa tal-offerti u kien ser jibda x-xogħol.

Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ippropona sabiex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex biex nispjegaw is-sitwazzjoni wiċċ mb'wiċċ u mhux permezz ta' ittra. Il-Kunsillier, is-Sinjura Josephine Camilleri wieġbet li għandha tintbagħat ittra lill-Ministru għal Għawdex u jekk tħoss il-ħtieġa ssejjaħ hi għal-laqgħa bejn il-partijiet konċernati. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex permezz ta' ittra.

02.6.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, għarraf lill-Kunsilliera li hekk kif hemm ippjanat li jsir il-wiċċ taz-zuntier tal-Knisja mill-ġdid, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet

Kunsill Lokali Il-Fontana

sabiex jinbidlu u jsiru żewġ fanali ġodda minflok dawk preżenti li l-Kunsill għandu fuq iz-zuntier. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

**02.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti**

02.7.1 Ċirkulari AKL 2019/057 – Health Policy għall-Membri ġodda tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva s-sħubija tal-membri l-ġodda għal din il-polza t'assigurazzjoni.

02.7.2 Ċirkulari AKL 2019/069 – Carer accompanying a disabled person – Senior Passpart Scheme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.3 Ċirkulari AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati jipparteċipaw fil-proġett ADMIN4ALL. Il-Kunsill innota l-kontenut

02.7.4 Ċirkulari AKL 2019/074 – Analiżi tas-Survey li sar mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-Permessi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.5 Ċirkulari AKL 2019/078 – Reġistrazzjoni teambuilding 05/10/19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.6 Premju Anzjanita' Attiva 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.7 SPI/SCI/11/2019 – Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Lifelong Learning). Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.8 SPI/SCI/13/2019 – Espressjoni ta' Interess Clean Up the World 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.9 Ċirkulari DLG 14/2019 – Onorarju u Allowances. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil bejn il-membri tal-Kunsill sabiex l-*allowances* tagħhom jibqa' jingħata kull sitt xhur.

02.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Inġiniera Marita Grech ta' *Galea Curmi Engineering* li l-istima tal-kuntrattur *X-Treme Technologies* biex jirranġa xi nuqqasijiet li hemm rigward il-proġett tas-sistema tal-*airconditioners* fis-sala tal-Kunsill (speċjalment minħabba l-fatt li s-sistema preżentament qiegħda twaqqa' is-*salvavita* minħabba nuqqas ta' saħħa fil-*cables*), u li tammonta għal €674.75, tirrifletti l-prezz tas-suq u taqbel mar-rekwiżiti mitluba minnhom. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li r-rekwiżiti tekniċi tas-sejħa tal-offerti kienu saru minn *Galea Curmi Engineering* stess u dawn l-affarijiet kellhom jiġu nnutati minn qabel. In-nuqqasijiet li ma kienux la min-naħa tal-kuntrattur u lanqas min-naħa tal-Kunsill għandhom

Kunsill Lokali Il-Fontana

jerfgħu r-responsabilta' tagħhom *Galea Curmi Engineering* u/jew l-bord tal-evalwazzjoni. Wara diskussjoni dwar dan, il-membri tal-Kunsill approvaw dan ix-xogħol.

02.7.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar li l-applikazzjoni tal-pavimentar tal-isqaq ta' Kaputt ġiet irtirata u għalhekk il-Kunsill ingħata rifużjoni ta' €127.80. Il-Kunsill innota dan.

02.7.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Għaqda Armar Fontana fejn il-membri ġew mistiedna għall-Konċelebrazzjoni Solenni nhar is-6 t'Awwissu 2019 fl-okkażżjoni tal-"Festa Tradizzjonali tas-Salvatur Fontana". F'ittra separata, l-Għaqda Armar Fontana li ser torganizza din il-festa flimkien mal-Ministeru għal Għawdex talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' tittella' din l-attivita'. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li ma jsibux oġġezzjoni għal din l-attivita' iżda rrimarkaw li bl-organizzazzjoni ta' din il-festa, il-Kunsill kellu jkun ikkonsultat minn qabel u mhux kellu jkun jaf b'din l-attivita' permezz tal-midja soċjali, u dan għaliex il-Kunsill ilu jieħu ħsieb u jixgħel xemgħa kuljum lejl u nhar quddiem l-istatwa tas-Salvatur mill-2007 meta l-Kunsill kien għamel xogħol ta' restawr estensiv tal-istatwa tas-Salvatur kif ukoll tal-istess niċċa. Kien hemm qbil minbarra mill-Kunsillier is-Sur Horace Micallef, li tinbagħat ittra b'din ir-risposta lill-istess Għaqda Armar Fontana kif ukoll lill-Ministru Għal Għawdex.

02.7.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali illi d-Dipartiment għadda fil-kont bankarju tal-Kunsill it-tielet *tranche* tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2019. Il-Kunsill innota dan.

02.7.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Davinia Shead minn WasteServ Malta Ltd li bħala parti mill-kampanja SORT IT OUT, WasteServ Malta Ltd ser tkun qed tqassam il-kontenituri tas-separazzjoni tal-iskart mill-faċilitajiet tagħha lil dawk li għadhom ma ġabrux dawn il-kontenituri. Il-Kunsill innota dan.

02.7.15 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit Bernice Van Dijk sabiex il-Kunsill japprova u jdaħħal applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex biex issir bankina ġdida fi Triq il-Għajn k/m Triq Għajn Tuta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din il-bankina diġa' saret avolja l-Kunsill ma daħħal l-ebda applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier, is-Sur Carmel Farrugia kkonferma dan.

02.7.16 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Bjorn Schembri, resident fi Triq ta' Mulejja fejn informa lill-Kunsill li l-blat ta' taħt il-*promenade* tal-istess triq qed iċedi u sikwit isib biċċiet mil-blat fil-propjeta' tiegħu b'konsegwenza li jista' jseħħ xi incident minn mument għall-ieħor. Is-Sindku qal li fuq din għandha tittieħed azzjoni u ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill iqabbad ġeoloġista speċjalizzat fuq il-blat għall-pariri tiegħu. Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef qal li fil-fehma tiegħu Perit ikun jista' jagħti parir siewi wkoll. Wara diskussjoni dwar



Kunsill Lokali Il-Fontana

dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iqabbad lill-Perit John Saliba għall-parir tekniku tiegħu u ssir laqgħa miegħu fuq il-post.

02.7.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-kumpanija *Forestals* dwar kontijiet pendenti fuq servizzi ta' *printing* li qed jagħti lill-Kunsill wara li l-Kunsill kien kera *printer/photocopier* mingħand GRENKE b'kuntratt fit-tul. Is-Sindku rrimarka li s-servizz ma kienx qed jingħata kif suppost għax il-*printer/photocopier* kienet bil-ħsara u l-karti kienu qed joħorġu suwed. Meta ġabu *printer/photocopier* oħra minflok dik bil-ħsara, kellhom jerġgħu jeħduha lura u jħallu dik li kien hawn qabel minħabba li dik li ġabu kienet f'kundizzjoni agħar minn ta' qabel. Huwa żied jgħid li tiswija fuq il-*printer/photocopier* saret kemm 'il darba iżda kien kollu għalxejn.

02.7.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fond ġdid mill-Aġenzija LESA fejn il-Kunsilli qed jingħataw finanzi biex jimplimentaw inizjattivi kulturali u/jew proġetti soċjali. Il-bilanċ għall-Kunsill Lokali tal-Fontana huwa ta' €2,104.51. Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg ippropona sabiex dawn il-flus jintefqu f'apparat ġdid fil-*playingfield* flokk waħda li hemm preżentament li soffriet xi ħsarat. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.7.19 Ilmenti / Suġġerimenti – J. Falzon
Is-Sinjura Falzon qed titlob li ssir tabella "Tarmix Zibel Hawn" mar-residenza tal-familja tagħha fl-indirizz '97, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana'. Kien hemm qbil dwar dan.

02.7.20 Ilmenti / Suġġerimenti – P. Grech
Is-Sinjura Grech talbet sabiex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħħa tal-garaxx tagħha li jinsab fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.7.21 Ilmenti / Suġġerimenti – M. Cassar
Is-Sur Cassar qed jitlob sabiex issir kaxxa safra biex isir parkeġġ tal-muturi ħdejn id-daħla ta' 'Fontanella Gardens' fi Triq il-Kappillan Hili. Fl-istess ħin dan jiffaċilita' l-aċċess għal garaxxijiet li jinsabu hemm. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta.

## 02.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

02.8.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Josephine Camilleri resqet suġġeriment sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq il-Għajn faċċata ta' Triq ta' Mulejja sabiex il-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq ta' Mulejja jaraw jekk ikunx ġej traffiku minn isfel. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta biex toħroġ il-permessi meħtieġa.

02.8.2 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ressaq suġġeriment sabiex issir *communal un/loading bay* fi Triq Wied Siekel. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.



Kunsill Lokali Il-Fontana

02.8.3 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ressaq suġġeriment sabiex issir talba lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex tinfetaħ mill-ġdid it-toqba ħdejn il-kanali tal-ilma fi Triq Wied Siekel. Kien hemm qbil dwar dan.

02.8.4 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef għamel mistoqsija dwar Sqaq Ta' Fuq il-Lunzjata biex ikun jaf jekk dan l-isqaq huwiex privat jew pubbliku. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġib il-liġi tal-Kunsill Lokali fejn hemm korrispondenza bil-miktub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li dak huwa sqaq privat. Huwa rrimarka wkoll li fl-istess sqaq hemm tabella li tgħid li huwa sqaq privat.

## 02.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

02.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 01/2019 għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-23 ta' Lulju 2019 li tammonta għal €4,385.82 ġiet approvata u ffirmata.

## 02.10 Mozzjonijiet

02.10.1 Mozzjoni numru 1 mressqa mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri u mill-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ġiet approvata biex il-Kunsill immedjatament jieħu l-passi meħtieġa biex jagħmel il-paġna ta' Facebook biex ikollu kuntatt fuq il-midja soċjali mar-residenti. Dan għar-raġuni li fil-Kunsill preċedenti din il-proposta ma ġietx aċċettata. Kien hemm qbil li din tiġi amministrata mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq l-istess punt dwar komunikazzjoni mar-residenti, il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef żied li l-*website* tal-Kunsill għandha tiġi aġġornata. Kien hemm qbil dwar dan.

02.10.2 Mozzjoni numru 2 mressqa mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ġiet approvata biex il-Kunsill jieħu ħsieb li jibda l-proċess biex tinxtara apparat ġdid tal-logħob għall-*playingfield* minflok dik li hemm peress li ġarbet xi ħsarat. Kien hemm qbil li din tiġi ffinanzjata parzjalment jew kollha kemm hi skont il-kwotazzjonijiet miġbura, mill-fondi tal-Aġenzija LESA.

02.10.3 Mozzjoni numru 3 mressqa mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi Sindku, is-Sinjura Josephine Camilleri ġiet approvata biex il-Kunsill ikompli jżid is-separazzjoni tal-iskart riċiklat għandu jkollu provvista ta' boroż u jitqassmu lir-residenti. Kien hemm qbil li ssir talba lill-iskema l-ġdida GreenPAK.

02.10.4 Mozzjoni numru 4 mressqa mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier, is-Sur Jonathan Cefai ġiet approvata biex il-Kunsill jieħu ħsieb joħroġ sejħa għall-offerti *Patching with Hot Asphalt* kull fejn hemm bżonn fit-toroq taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill. Kien hemm qbil sabiex din tiġi diskussa mal-Perit John Saliba biex titfassal is-sejħa.

Kunsill Lokali Il-Fontana

02.10.5 Mozzjoni numru 5 mressqa mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier, is-Sur Carmel Farrugia ġiet approvata biex il-Kunsill jibda l-proċess biex jiġi ntrodott servizz ta' trasport għall-anzjani u għal dawk neqsin mill-mobilita' fil-lokalita'. Kien hemm qbil li ssir talba mal-fond tal-kawżi ġusti.

## 02.11 Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri mis-Sindku

02.11.1 Minħabba li kienu saru d-9.00 ta' filgħaxija u għalhekk kien ser jinqabeż il-limitu ta' kemm iddum il-laqgħa tal-Kunsill, ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 02.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

02.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 t'Awwissu 2019 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum il-Ħamis 29 t'Awwissu 2019.

*Iffirmata*
**Saviour Borg**
**Sindku**

*Iffirmata*
**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali Il-Fontana